**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**

**vs**

**Ismail Ahmed Ali**

**Kumpilazzjoni 159/2018**

**Illum 14 ta' Marzu 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ismail Ahmed Ali** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 117255 (A) billi huwa akkuzat talli:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq liema ammont, ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u kien aggravat bil-mezz, bil hin u bix-xorta tal-haga misruqa; Art 261 (b)(f)(g), 263 (a), 270, 271 (g), 278(3) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, igifieri ghamel hsara fil-vettura FAF 112 ta ghamla Suzuki ghad-detriment ta' Roger Muscat u/jew persuni jew entitajiet ohra. Art 325(1)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artiklu 8 (a) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.
4. Aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, f'lok pubbliku jew f' post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nniffsu. Artiklu 338 (ff) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 261 (b)(f)(g), 263(a) 270, 271 (g), 263 (a), 270, 271 (g), 278(3), 325 (1) (c) u338 (ff), tal-Kap 9 kif ukoll Artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti qieghda tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita llum bhala Dok. MMX1.

*In oltre,* il-flus li gew ikkonfiskati jigu mghotija lil Parte Civile , Roger Muscat.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**